

# Il-Knisja Arċipretali tagħna - Mitt sena ilu

Kitba ta' Joseph G.M. BORG

## Immexxija mill-Arċipriet Dun Pawl Mallia

Sewwa sew mitt sena ilu, ir-Rotunda għażiża tagħna l-Mostin kienet immexxija mill-Arċipriet Gudjan Dun Pawl Mallia. Huwa mexxa l-Parroċċa għal 22 sena sħaħ u kien it-tielet Arċipriet tal-Mosta minn mindu l-knisja tagħna bdiet tgawdi t-titlu ta' Knisja Arċipretali. Kien ħa l-pussess tal-Parroċċa Mostija fil-11 ta' Ġunju 1907, u dam imexxiha sa Frar tal-1930, meta mbagħad, f'dak l-istess xahar ħa l-pussess bħala Kanonku Kapitolari tal-Katidral. Baqa' msemmi għat-tjubija li kien juri mal-poplu afdat f'idejh u l-aktar mat-tfal.

Fi żmien il-Parrokat tiegħu, ir-Rotunda stagħniet b'opri artistiċi kbar, l-aktar bil-ħidma tal-wisq ħabrieki Prokuratur li kellha l-knisja tagħna dak iż-żmien, Dun Anġ Camilleri. Dan kien kollaboratur kbir u tista' tgħid l-id il-leminija tal-Arċipriet Mallia.

Lill-Arċipriet Mallia messitu x-xorti li jkollu l-unur kbir li jilqa' fil-Parroċċa tagħna l-XXIV Kungress Ewkaristiku Internazzjonali tal-1913. F'dik l-okkażjoni memorabbli, kien hu li laqa' l-Legat tal-Papa l-Kardinal Domenico Ferrata b'erba' Kardinali oħra miegħu, flimkien ma' għadd ta' arċisqfijiet, isqfijiet u kungressisti oħra mid-dinja kollha, miġburin fir-Rotunda għal-akbar ġieħ ta' Ġesù Ostja.



L-Arċipriet Gudjan Dun Pawl Mallia (li mexxa l-Parroċċa minn Ġunju 1907 sa Frar 1930) - pittura li tinsab fis-sagristija.

## Imżejna b'għadd sabiħ ta' qassisin

Għall-grazzja t'Alla, il-Mosta qatt ma kienet nieqsa mis-saċerdoti. Ġie li kellha kleru ta' tletin u ġie li iżjed ukoll. Mill-ismijiet tal-qassisin li hemm imniżżlin fuq il-lapida li hemm fl-art f'nofs il-Kor, nieħdu li mal-mitt sena ilu, fil-Parroċċa kellna 24 qassis Mosti, barra l-Arċipriet. Skont din il-lapida, dawn kienu taw il-flus biex l-art tal-Kor tiġi ċċangata wkoll bi rħam mill-ifjen fuq id-disinn tas-Sur Rafel Caruana Dingli. Wieħed irid ifakkar li l-art tal-Presbiterju kienet diġà tlestiet fl-1906. Bejn l-1909 u l-1911 sar iċ-ċangar bl-irħam kemm tal-Kor u kemm tal-qiegħa tal-art kollha tar-Rotunda. Kien proġett kbir u ambizzjuż iktar u iktar meta tiftakar li sar fi żmien ta' għaks.




Lapida li tinsab fl-art f'nofs il-kor bl-ismijiet tal-Arċipriet u l-Kleru Mosti fl-1909, li kienu ħallsu biex l-art tal-kor tiġi ċċangata bi rħam fuq id-disinn tas-Sur Rafel Caruana Dingli.

Għas-sodisfazzjon ta' min qed jaqra, nagħtu hawn l-ismijiet ta' dawk il-qassisin li għexu seklu ilu u li isimhom jidher fuq il-lapida li semmejna. Dawn huma

l-Arċipriet Dun Pawl Mallia, Dr. Dun Pietru Magri, Dun Ġammarì Muscat, Dun Wistin Azzopardi, Dun Baskal Chetcuti, Dun Ġwann Fenech, Dun Anġ Camilleri, Dun Salv Camilleri, Dun Karm Gauci, Dun Pawl Mifsud, Dun Karm Camilleri, Dun Paċik Galea, Dun Ġużepp Grech, Dun Ġwann Muscat, Dun Ġużepp M. Dimech, Dun Ġużepp Borg, Dr. Dun Costantino Grech, Dun Karm Camilleri Magro, Dun Pawl Camilleri, Dun Anġ Falzon, Dun Edgar Salomone, Dun Pawl Chetcuti, Dun Mikiel Anġ Said, Dun Ġwann Bonniċi u Dun Salv Grech.



Il-paviment tar-Rotunda (fuq id-disinn tal-arkitett Ġorġ Grognet) inħadem mit-Taljan Mariano Spina u mgħejjun mill-Malti Antonio Galea minn B'Kara.

## Inawgurazzjoni tal-paviment grandjuż tar-Rotunda

Żgur li waħda mill-isbaħ opri li bihom hu mżejjen is-Santwarju monumentali tal-Verġni Marija Assunta fil-Mosta, huwa l-paviment. Din il-biċċa xogħol kbira tlestiet b'sodisfazzjon kbir tal-poplu Mosti fl-1911, wara sentejn xogħol li kien afdat f'idejn l-imgħallem ta' ħila Mariano Spina. Il-paviment sar fuq id-disinn tal-arkitett tar-Rotunda Ġorġ Grognet de Vassè. Ta' min jgħid ukoll li l-imgħallem Taljan Mariano Spina kien mgħejjun f'din il-biċċa xogħol minn mgħallem ieħor Malti - Antonio Galea minn Birkirkara. L-opra tal-paviment kienet swiet lill-poplu Mosti 2,018 lira sterlina.

Il-paviment kien ġie nawgurat sollennement mill-Isqof Mons. Pietru Pace nhar l-1 t'Awwissu, 1911. Din l-opra żżanżnet ħmistax-il jum qabel il-festa ta' Santa Marija, b'sodisfazzjon kbir tal-Arċipriet Mallia, tal-Prokuratur Dun Anġ Camilleri u ta' Dun Ġużepp Borg li għenu ħafna fil-ġbir tal-flus, kif ukoll tal-bqija tal-Kleru u tal-Mostin kollha. Minħabba li kienu żminijiet ta' faqar, Dun Anġ Camilleri kellu jidħol garanti bl-ipoteka ta' ġidu kollu li kieku l-flus meħtieġa ma nġabrux, iżda l-fatti wrew xorta oħra għax din l-opra nġabret sa l-inqas ħabba.

Hija tassew ħasra li din l-opra hekk kbira kellha ssofri ħsarat kbar matul l-aħħar gwerra dinjija propju nhar id-9 t'April 1942, meta l-bomba Ġermaniża nifdet il-koppla tar-Rotunda. Kellu saħansitra jinbidel ir-rużun tan-nofs u l-ħsarat l-oħra mxerrdin mal-bqija tal-paviment tranġaw għall-ħabta tal-aħħar tal-ħamsinijiet tas-seklu li għadda minħabba li kien diffiċli li jinstab irħam aħmar sewwa sew bħal dak li kien hemm.



Il-paviment tar-Rotunda waqt il-jiem tal-festa ta' Santa Marija sal-1910.



Il-biċċa xogħol kbira tal-pavimentar il-ġdid tlestiet b'sodisfazzjon kbir tal-poplu Mosti fl-1911, wara sentejn xogħol, u bit-tħabrik tal-Arċipriet Dun Pawl Mallia - (kartolina).

## Żewġ statwi tal-irħam għal fuq il-Presbiterju

Mal-paviment kienu żżanżnu wkoll iż-żewġ statwi tal-Evanġelisti San Ġwann u San Luqa li naraw fuq il-Presbiterju waħda fuq kull naħa tal-Artal Maġġur. Dawn kienu saru biex minn fuqhom jitkantaw l-Epistola u l-Evanġelju waqt il-Quddiesa Kantata





**L-istatwa tal-irħam tal-Evanġelista San Ġwann u ... li naraw fuq il-presbiterju waħda fuq kull naħa tal-artal maġġur tal-Evanġelista San Luqa. (ritratti: Mark Micallef)**

Tridentina kif kien issir qabel ir-Riforma Liturġika tal-Konċilju Vatikan II.

Dawn l-istatwi tal-irħam fin abjad huma xogħol tal-iskultur Sebastiano Spampinato, kif jidher minqux fuq in-naħa ta' wara tal-pedata tal-istatwa ta' San Luqa. Qamu 140 lira sterlina u ġew imħallsin u mogħtija bħala rigal lill-knisja tagħna mill-Prokuratur Dun Anġ Camilleri, kif tgħid il-kitba minquxa fuq il-faċċata tan-naħa ta' wara taż-żewġ pedestalli li għandhom dawn l-istatwi.

## Imħejjija biex tilqa' fiha l-Kungress Ewkaristiku

Din kienet il-qagħda, bejn wieħed u ieħor tal-knisja arċipretali tagħna mitt sena ilu u sewwa sew fl-1911. Ma kienux laħqu għaddew sentejn sħaħ, meta bħal sajjetta fil-bnazzi, faqqgħet l-aħbar sabiħa li l-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali tal-1913 kien se jsir f'Malta. Aħbar isbaħ għall-Mostin ta' dak iż-żmien li mliethom b'ferħ li ma jitfissirx meta saru jafu li l-knisja tagħna kienet ġiet magħżula bħala l-post ewlieni, fejn kellhom isiru l-laqgħat ta' dan il-Kungress. Ma setgħetx kienet għażla isbaħ. Kienet knisja monumentali mibnija b'tant imħabba u sagrifiċċji minn poplu fqajjar tassew Nisrani li kien lest li jissagrifika kollox għall-imħabba tar-Reliġjon tiegħu. Kienet knisja li fil-għamla tagħha hi tonda bħall-Ostja Mqaddsa u bħad-dinja u għalhekk denja waħedha li tilqa' fiha Kungress miġbur mid-dinja kollha għall-ikbar ġieħ ta' Ġesù Ostja.

Imżejna diġà bi ġmiel tal-pittura tat-tmien lunetti b'xeni mill-ħajja ta' Kristu fuqhom, imżejna diġà b'lampier tal-fidda u b'sett linef tal-kristall u b'orgni mill-aqwa, kif ukoll b'baldakkin xejn anqas sabiħ, u issa b'dak il-paviment grandjuż, dehret tassew denja li tilqa' fiha dan l-XXIV Kungress Ewkaristiku li l-ġrajja tiegħu, fl-2013 tagħlaq mitt sena li seħħet fostna.

***Referenzi:***

i) *Azzopardi P.F. Domenico, 'L'XXIV Cong. Euchar. Inter.', p. 28-33*

ii) *Camilleri Dun Anġ, Tifkira għażiża tas-Saċ. Dun Anġ Camilleri*

iii) *Salomone Rev. Edgar W., 'Musta Memories and Charms', p. 26*

iv) *Vella E.B. u Oħrajn, p. 218-226, 268*